**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 293/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Tyson Grech**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Tyson Grech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 444995(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn l-4 ta' Settembru 2021 u l-5 ta' Settembru 2021 f'dawn il-Gżejjer:

1. naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċioè mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D. mid-digriet datat 25 ta' Mejju 2021 u li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien

mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċioè mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D. mid-digriet datat 9 ta' Settembru 2019 u li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta *ai termini* ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li titratta mal-imputat bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Settembru 2021 fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-addebitu tar-reċidiva u lliberatu minnu, wara li rat Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet miġjuba kontrih u kkundannatu għal erba' (4) xhur priġunerija u ordnat ukoll il-konfiska tad-depożitu fis-somma ta' elf Euro (€1,000) kif stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija bid-digriet tad-9 ta' Settembru 2019 kif ukoll il-konfiska tad-depożitu fis-somma ta' ħames mitt Euro (€500) kif stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija bid-digriet tal-25 ta' Mejju 2021, b'kollox is-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: (1) tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni u tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabet ħtija ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet u għaldaqstant*

*tilliberah minnhom; (2) alternattivament tvarja l-piena u minflok tikkundannah piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ l-appellant kien mixli li kiser żewġ digrieti ta' liberta' proviżorja u l-Ewwel Qorti ġiet mitluba titratta miegħu bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Jonathan Ransley** (*a fol.* 9a *et seq.*) xehed li l-appellant kien jiffirma fl-Għassa tiegħu u li Surġent mill-Għassa tal-Pulizija ta' Bormla kienet qalet li xi ħadd ġibdilha l-attenzjoni li l-appellant kien tella' fuq *"My Story"* li kien qiegħed ġo Havana, f'Paceville. Jgħid li dakinhar tal-akkadut mar ifittex lill-appellant fuq il-post u għall-ħabta tas-2.00am sabu hemm u fakkru li suppost kien rinkażat. Jgħid li l-appellant qal li kien qed iħossu ħażin u ħaduh l-isptar iżda l-appellant iffirma r-rilaxx. Jixhed li l-appellant reġa ttieħed l-isptar fejn ġie riferut għall-iSptar Monte Carmeli fejn kien iċċertifikat *"fit to interrogate"*.

Illi d-digrieti tal-ħelsien mill-arrest mertu tal-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- wieħed mogħti fid-9 ta' Settembru 2019 (Dok. "JR 2" – *a fol.* 5) mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello li f'kundizzjoni numru sitta (6) hemm imniżżel li l-appellant kellu jkun rinkażat bejn it-8.00pm u s-6.00am ta' l-għada filgħodu b'depożitu ta' elf Euro (€1,000) u b'garanzija personali ta' tmint elef Euro (€8,000) u

- ieħor mogħti fil-25 ta' Mejju 2021 (Dok. "JR 3" – *a fol.* 6) mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud fejn l-appellant kien ordnat li jirrinkaża bejn il-11.00pm u s-7.00am ta' l-għada filgħodu b'depożitu ta' ħames mitt Euro (€500) u b'garanzija personali ta' erbat elef u ħames mitt Euro (€4,500).

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx b'mod legali ssibu ħati għaliex il-każ ma kienx ippruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx lir-Reġistratur tal-Qorti biex sabiex jikkonferma: (a) iż-żewġ digrieti u l-awtentiċita' tagħhom, (b) li l-kawżi għadhom pendenti, (ċ) li d-digrieti għadhom viġenti u (d) li d-digrieti ma nbidlux. Jisħaq li hu qatt ma ta x'jifhem li ma kienx qed jikkontesta l-imputazzjonijiet li tressqu kontra tiegħu u li ma kienx jinkombi fuqu li jressaq xi prova biex jikkontradixxi lill-Prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju in eżami billi tagħmel riferenza għal dak li jiddisponi Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> "(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun

meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:

Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.

(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.

(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija

tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2)."

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi neċessarji dwar l-imputazzjonijiet. Din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant inqabad barra d-dar barra l-ħinijiet indikati fiż-żewġ digrieti. Iż-żewġ digrieti tal-ħelsien mill-arrest li jinsabu fl-atti proċesswali (Dok. "JR 2" u Dok. "JR 3" – *a fol.* 5 u 6) għandhom fuqhom il-firma tar-Reġistratur kif ukoll it-timbru li jgħid li huma vera kopja fotostatika tal-oriġinal.

Illi għal kull buon fini din il-Qorti tinnota li meta saru s-sottomissjonijiet bil-fomm (*a fol.* 46 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-Avukat Ġenerali qal hekk (*a fol.* 50): *"Fil-fatt illum jiena neżiġi illi ehe, apparti li jiġu one anke ai fini tal-identita' sakemm id-difiża ma ssibx oġġezzjoni u tgħid "Iva, l-identita' miniex qed nikkontestawha", imma one l-identita', u two jrid jitla' r-Reġistratur biex jikkonferma li, jew inkella, jgħid l-iSpettur, jekk tali digrieti humiex varjati o meno. Jiġifieri ehe, hemmhekk ma nistax ngħid mod ieħor, naħseb illi l-Qorti ma naħsibx li kienet korretta."*

<u>Digriet tal-liberta' proviżorja tad-9 ta' Settembru 2019</u>
<u>(Dok. "JR 2" – *a fol.* 5)</u>:
Illi l-appellant jisħaq li kellu jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti dwar dak li ġie msemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Din il-Qorti tinnota li dan waħdu mhux neċessarju u ser tgħid ir-raġunijiet għala.

Illi fir-rigward tad-digriet tal-liberta' proviżorja datat 9 ta' Settembru 2019 (Dok. "JR 2" – *a fol.* 5) li l-Uffiċjal Prosekutur fuqu huwa ndikat bħala l-iSpettur Eman Hayman, din il-Qorti tinnota li minkejja li fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-7 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 8 *et seq.*) hemm imniżżel li d-difiża kienet qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhud lill-iSpettur Eman Hayman sabiex jidentifika lill-appellant bħala l-istess Tyson Grech imsemmi fid-digriet in kwistjoni, m'hemmx imniżżel pero' jekk il-kundizzjoni tar-rinkażar kinitx għadha *in vigore* jew jekk

kinitx ġietx varjata u jekk il-proċeduri in kwistjoni kienux għadhom fis-seħħ. Dan kien neċessarju li jsir u fin-nuqqas ta' tali eżenzjoni fis-sens appena msemmi, l-iSpettur Eman Hayman kellu jiġi prodott biex jixhed dwar dan. Minkejja li l-Ġudikant fil-każ fejn l-appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest fid-9 ta' Settembru 2019 kienet l-istess waħda li tat is-sentenza appellata, pero' l-provi għandhom jirriżultaw mill-atti proċesswali u minn imkien ieħor.

Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identita' għall-fini tar-reċidiva u l-prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kundizzjonijiet ikunu ngħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kundizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont Artikolu 416(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li kienu għadhom pendenti ladarba din il-prova ma tressqitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Għalhekk din il-Qorti ser issib li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant ma ġietx sodisfaċentement pruvata sal-grad rikjest mil-liġi u għaldaqstant l-appellant ser ikun liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

<u>Digriet tal-liberta' proviżorja tal-25 ta' Mejju 2021</u>
<u>(Dok. "JR 3" – *a fol.* 6)</u>:
Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tad-digriet tal-liberta' proviżorja tad-9 ta' Settembru 2019, din il-Qorti tinnota li fir-rigward tad-digriet tal-liberta' proviżorja datat 25 ta' Mejju 2021 (Dok. "JR 3" – *a fol.* 5) l-Uffiċjal Prosekutur fuqu huwa ndikat bħala l-iSpettur Jonathan Ransley li huwa l-istess Spettur li ressaq lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti li tat is-sentenza appellata. Fid-depożizzjoni mogħtija minnu, l-iSpettur Ransley għaraf lill-

appellant bħala l-persuna li kontra tiegħu kienu qed jinstemgħu l-proċeduri li fihom l-appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest u li l-kundizzjoni tar-rinkażar kienet għadha fis-seħħ. Tenut kont ta' dan u tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ biss fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jgħid li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda eżaġerata u mhux proporzjonata. Jgħid li l-ksur li ġie akkużat bih kien wieħed *de minimis*. Huwa jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza u jisħaq li f'dan il-każ huwa kien ikkundannat erba' (4) xhur priġunerija u dan minħabba li għal darba waħda biss kiser il-kundizzjoni tar-rinkażar kif ukoll kien ikkundannat għall-konfiska ta' depożitu. Jgħid li din hija piena ħarxa u mhux proporzjonata.

Illi din il-Qorti tinnota li jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li l-appellant kiser il-kundizzjoni ta' rinkażar f'digriet wieħed u tinnota wkoll li l-appellant ma ħax din il-kundizzjoni bis-serjeta' li jixirqilha. Tenut kont tal-fatt li din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti ser tvarja il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ piena ta' multa għandha tkun biżżejjed u dan apparti l-konfiska ta' ħames mitt Euro (€500) imsemmija fid-digriet mogħti fil-25 ta' Mejju 2021 (Dok. "JR 3" – *a fol.* 6). Għalhekk il-Qorti qed tilqa' *in parte* t-tieni aggravju tal-appellant fis-sens appena msemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Tyson Grech u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċidiva u li minnu lliberatu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat erba' (4) xhur priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellant għall-ħlas ta' multa ta' tmien mitt Euro (€800);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata l-konfiska tad-depożitu fis-somma ta' elf Euro (€1000) kif stabbilit fid-digriet tad-9 ta' Settembru 2019;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata l-konfiska tad-depożitu fis-somma ta' ħames mitt Euro (€500) kif stabbilit fid-digriet tal-25 ta' Mejju 2021.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**